MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 24/2022 LM

**Miriam Garcia Medina (K.I. nru. 0234795(A))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Plan 17 Limited (C 71586)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Plan 17 Limited (C 71586)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Marzu, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3924/FM, fejn it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrenti **Miriam Garcia**

**Medina (K.I. nru. 0234795(A))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] mill-impjieg tagħha mas-soċjetà appellanta ma saritx għal raġuni tajba u suffiċjenti, u b’hekk illikwida kumpens favur l-appellata ta’ disat elef Euro (€9,000), li kellhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta fi żmien xahar mid-data ta’ dik id-deċiżjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg tagħha minn mas-soċjetà appellanta fit-2 ta’ Awwissu, 2020[1], u dan għar-raġuni li hija kienet aġixxiet b’mod negliġenti meta naqset li tinforma lill-imsemmija soċjetà appellanta bil-vjaġġ tagħha barra minn Malta, meta sussegwentement irritornat lura għax-xogħol filwaqt li kienet ma tiflaħx.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata għalhekk istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fid-9 ta’ Diċembru, 2020 permezz ta’ rikors fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *“...jogħġbu jiddikjara u jiddeċiedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti mis-soċjetà intimata kienet inġusta u ma saritx għal raġuni tajba u biżżejjed hekk kif rikjest mil-liġi fl-Artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta), u għal din ir-raġuni jillikwida kumpens xieraq pagabbli lill-esponenti mis-soċjetà intimata minħabba t-terminazzjoni bla raġuni tajba hekk kif rikjest mil-liġi ai termini tal-Artikolu 81(2)(a) tal-istess Att u jikkundanna lill-istess soċjetà intimata tħallas lill-esponenti dan il-kumpens, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata”.*

[1] Ara Dok MGM3 a *fol. 18* tal-atti tat-Tribunal.

4. Is-soċjetà appellanta kienet kontumaċi, iżda fuq rikors tagħha stess it-Tribunal awtorizzaha tippreżenta d-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, kif fil-fatt għamlet waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2021, fejn issottomettiet li hija kellha raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi sabiex tittermina l-impjieg tal-appellata, u dan kif kien ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"<u>**3. Konsiderazzjonijiet**</u>*

*It-Tribunal ried jidħol bir-reqqa fir-raġunijiet li wasslu biex is-Soċjetà ntimata tkeċċi mill-impieg lir-Rikorrenti. Għal dak li huma twissijiet dawn allegatament saru verbalment. Pierre Mattocks, direttur tas-Soċjetà Planet Hollywood Malta, jgħid li għad li ma kienx jiddilja direttament mar-Rikorrenti, l-*General Manager *Peter Cording ġibidlu l-attenzjoni għall-insubordinazzjoni tar-Rikorrenti. Iżda ma jistax jgħid eżattament dwar xhiex (seduta 15.9.21 fol. 4). Bettina Mattocks, li hija* Assistant Operations Manager, *sempliċement tgħid illi kien hemm xi żball ma' xi klijent iżda xejn serju (seduta 20.10.21 fol. 7). Peter Cording l-ex-General Manager, li kiteb* reference letter *favur ir-Rikorrenti, jgħid illi kien hemm xi* managers *li semmulu xi* complaints *mill-klijenti iżda jgħid illi personalment ma kellux* issues *magħha (seduta 19.1.22 fol. 2). Sostanzjalment ma kienx hemm qbil dwar xi nuqqasijiet li setgħet kienet ħatja dwarhom ir-Rikorrenti li ma setgħux kienu serji. Tenut dan it-Tribunal ma jħossx li s-Soċjetà ntimata kellha raġun li tiġġustifika t-tkeċċija tar-Rikorrenti billi tistrieħ fuq ftit incidenti li jidhru li ma kienux ta' portata kbira. It-Tribunal imbagħad eżamina r-raġuni l-oħra li skont is-Soċjetà ntimata kienet dik li rriżultat fit-tkeċċija tar-Rikorrenti. Din kienet konnessa mal-fatt li r-Rikorrenti fil-frank tagħha siefret għal xi jiem f'Ruma u meta ġiet lura rriżultat* positive *għal* Covid-19. *Jidher li xi jiem qabel kienet saret laqgħa għall-impjegati kollha li matulha ġew infurmati li jekk xi ħadd minnhom kien se jsiefer waqt il-frank tiegħu kellu javża lill-*management *u jottjeni l-permess tiegħu. Ir-Rikorrenti nnegat li sar dan (Seduta 16.2.22 fol. 3). Jidher li r-Rikorrenti akkumpanjata minn xi impjegat ieħor kienet marret xi ftit jiem Ruma mingħajr ma*

*avżat lill-*management. *Mal-wasla tagħha lura kienet ma tiflaħx u irriżultat bil-*Covid*. Id-Direttur Pierre Mattocks meta mistoqsi r-raġuni għaliex ġiet liċenzjatha r-Rikorrenti jgħid testwalment* "because it was totally subordination (sic) and it prejudiced the livelihood of her team members, it prejudiced the business, the Company, and it was not acceptable at all this course of action from their end. I mean, I have no idea why they went for two or three days to Rome, it's not in my interest, but they did not inform none of the Management about it" (*seduta 15.9.21 fol. 7). Sussegwentement ir-ristorant kellu jagħlaq. Mela l-kwistjoni kollha hi dwar il-fatt li r-Rikorrenti siefret mingħajr ma infurmat lis-Soċjetà ntimata u wara rriżulta li ħarġet* positive bil-konsegwenzi kollha. *Jidher li r-Rikorrenti ma ġietx imkeċċija għaliex kellha l-*Covid *iżda għaliex siefret mingħajr ma infurmat lill-*Management*. Wieħed jifhem l-effett diżastruż meta r-ristorant safa' magħluq għal xi żmien bil-konsegwenzi negattivi finanzjarji b'kollox. Mill-banda l-oħra la hemm prova u lanqas tista' taċċerta fiż-żgur li r-Rikorrenti laqqtet l-infezzjoni ġo Ruma. Ukoll ma jistax jingħad b'ċertezza meta fil-fatt ġiet infettatha r-Rikorrenti. Meta ġara dan l-inċident ma jirriżultax illi kien hemm f'Malta xi divjet dwar is-safar u xi projbizzjoni li wieħed imur Ruma. Jirriżulta wkoll illi f'Malta kien dak iż-żmien notarjament magħruf li ġiet imxerrda sewwa l-*Covid *wara xi barranin ċappsu lil Paceville kollu wara party kbir f'lukanda hemm. Il-każ kollu mela jinpenja ruħu fuq il-vjaġġ tar-Rikorrenti lejn Ruma. Hija naqset li tavża lill-management u forsi tottjeni l-permess tiegħu biex tagħmel vjaġġ fil-frank tagħha. Ma tistax tiġi ċertament mixlija li sabet ruħha infettata bil-Covid jew anke li ġiet infettatha meta kienet imsiefra. Xi dritt kellu l-prinċipal li jobbliga impjegata x'tagħmel jew x'ma tagħmilx meta ma tkunx fuq xogħol? It-Tribunal huwa tal-fehma illi n-nuqqas tar-Rikorrenti li tinforma lill-Prinċipal tagħha bl-intenzjoni li ssiefer fil-frank tagħha ma jirriżultax li jikkostitwixxi nuqqas hekk serju li jilħaq il-livell ta' kawża ġusta biex tiġġustifika l-liċenzjament tar-Rikorrenti."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Marzu, 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla u sabiex:

*"...tilqa' l-aggravvji u l-appell tagħha u tordna illi tħassar, tannulla u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali datata 16 ta' Marzu, 2022 fuq riferita, taqta' l-istess kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà appellanta stante illi t-tkeċċija in*

> *kwistjoni kif ġusta u suffiċjenti skont il-liġi u/jew tirrimetti lura l-każ lit-Tribunal Industrijali, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) il-kumpens stabbilit mit-Tribunal huwa eżaġerat, m'hemm l-ebda motivazzjoni għalih, u ma ġiex likwidat skont it-termini tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452; (b) kien hemm proporzjonalità bejn l-aġir kolpuż tal-appellata u s-sanzjoni tat-tkeċċija mposta fil-konfront tagħha minħabba n-nuqqas serju tagħha.

7. L-appellata wieġbet fit-28 ta' Ġunju, 2022 fejn sostniet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u korretta u għalhekk timmerita li tiġi konfermata, u dan filwaqt li spjegat r-raġunijiet tagħha għal dan, u rrilevat li l-appell odjern ma ġiex limitat għal punti ta' liġi.

8. Permezz tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 2023, din il-Qorti ddeċidiet billi laqgħet l-appell tas-soċjetà appellanta b'mod limitat kif imfisser f'dik is-sentenza, u b'hekk ordnat sabiex l-atti jiġu rinvjati lura lit-Tribunal sabiex jieħu konjizzjoni ta' dak kollu li qalet il-Qorti u jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikjedu l-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, u s-subregolament 12 tal-L.S. 452.18.

## **<u>Id-Deċiżjoni tat-Tribunal</u>**

9. Fl-1 ta' Marzu, 2023 it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *"Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sedenti l-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff mogħtija fil-15 ta' Frar 2023 (Appell Inferjuri Numru 24/2022LM)*

*it-Tribunal Industrijali qed jiċċara x'wasslu għall-ammont likwidat għad-danni fid-deċiżjoni numru 2808 tas-16 ta' Marzu 2022 dwar dan il-każ.*

*It-Tribunal qies id-danni sofferti mir-Rikorrenti wara l-liċenzjament tagħha kif elenkati fl-Affidavit tagħha li jammontaw għal €8,582. It-Tribunal a tenur tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap 452 ikkonsidra li peress li r-Rikorrenti kienet ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz wara l-liċenzjament tagħha kellha żmien qasir ħafna biex issib impjieg ieħor għax altrimenti kienet tkun kostretta li tħalli Malta u fuq kollox ma kienx faċli li ssib impjieg bħal dak li kellha peress li r-ristoranti kienu kważi kollha magħluqa minħabba l-*Covid*. It-Tribunal arrotonda l-ammont ta' danni bi ftit mijiet ta' ewro bħala somma simbolika għal danni morali."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Peress li l-partijiet konġuntivament talbu lil din il-Qorti sabiex terġa' tappunta l-appell odjern bil-għan li tikkunsidra dawk l-aggravji li ma ġewx deċiżi minnha, filwaqt li tagħtihom l-opportunità li jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward u dwar id-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Qorti appuntat l-appell odjern mill-ġdid għas-seduta tas-26 ta' April, 2023, u issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra t-tieni u l-uniku aggravju tas-soċjetà appellanta li ma ġiex deċiż minnha. Permezz ta' dan l-aggravju, l-imsemmija soċjetà appellanta qegħda tikkontendi li t-Tribunal bil-provi li kellu quddiemu kellu jiddeċiedi li kien hemm raġuni tajba u suffiċjenti għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata. Tikkontendi li hawnhekk kien rilevanti l-kuntest storiku li fih saret it-tkeċċija tagħha, fejn kien hemm proporzjonalità bejn l-aġir kolpuż tal-appellata u l-imsemmija tkeċċija. Is-soċjetà appellanta tissottometti li wisq probabbli kien ser isir argument li l-appell tagħha seta' jittratta biss punt ta' dritt u hija ma setgħetx teħodha kontra l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, iżda fil-fehma tagħha l-imsemmi Tribunal naqas milli jikkunsidra l-kwistjoni ta' proporzjonalità bejn in-nuqqas fl-aġir tal-appellata u dak li ġie nflitt fuqha. Issostni li l-każ odjern

jirrigwarda mhux biss il-fatt li l-appellata naqset milli tinforma lis-soċjetà appellanta, iżda jirrigwarda l-insubordinazzjoni tagħha, u l-konsegwenzi.

11. Il-Qorti tqis li hawnhekk l-appellata għandha raġun issostni li t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda punt ta' fatt u mhux ta' dritt. Dak li essenzjalment qiegħda titlob mingħand din il-Qorti huwa li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti, u b'hekk tiddeċiedi jekk kienx hemm proporzjonalità bejn l-aġir tal-appellata u kif irreaġixxiet is-soċjetà appellanta fir-rigward ta' dak l-aġir. Meta kkunsidrat dak li qiegħda tgħid is-soċjetà appellanta, il-Qorti tagħraf li ma jidhirx li l-ilment tas-soċjetà appellanta jolqot l-allegat nuqqas tat-Tribunal li jikkunsidra l-proporzjonalità bejn l-aġir tal-appellata u l-azzjoni li ħadet l-imsemmija soċjetà appellanta fil-konfront ta' tali aġir, iżda huwa ampjament ċar li hawnhekk is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontesta l-apprezzament proprju tal-fatti li għamel it-Tribunal. Għalhekk tikkunsidra li l-appell odjern ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiddikjarah irritu u null.**

**Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**